MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 343/2002/1

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Peter Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin (Lm2500.00,0) rapprezentanti prezz ta' Ford Escort Van Numru ta' Registrazzjoni BBH 038 mibjugha u kkonsenjata lilu fis-17 ta' Lulju tas-sena 2001.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi mis-17 ta' Lulju tas-sena 2001 sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 ta' Frar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------